**Il-Quddiesa hi l-aqwa u l-isbaħ talba li nistgħu ngħixu ta' kuljum** għax tlaqqagħna direttament ma' Alla billi nisimgħuh ikellimna permezz tal-qari tal-Iskrittura u nirċevuh ġewwa fina permezz tal-ikel Ewkaristiku li jmantnina u jqawwina. Il-Quddiesa mhix xi biċċa dram dejjem l-istess ġol-knisja, imma hi laqgħa ta' veru mal-persuna ħajja ta' Ġesù, li bil-kliem u r-riti kollha li nagħmlu flimkien jirnexxilu jħabbibna ma' Alla l-Missier u mal-bqija ta' ħutna l-bnedmin. Għalhekk il-Quddiesa hi ċelebrazzjoni fundamentali għall-ħajja tal-fidi tagħna u kollha kemm aħna, inkluż is-saċerdoti, nixtiequ ngħixuha bl-aħjar mod. Veru li l-parroċċa tagħna għadha mżejna b'għadd sabiħ ta' saċerdoti li minkejja l-età tagħhom, għadhom jaqduna b'entużjażmu żagħżugħ. U din mhix ħaġa daqshekk ovvja li ssib tant disponibilità u ħeġġa fost min ikun mgħobbi biż-żmien u bid-diffikultajiet tas-saħħa. Għandna tassew għax napprezzaw l-impenn li qed jagħmlu biex jgħinuna niltaqgħu ma' Alla, fil-katekeżi u fis-Sagramenti. Imma biex insaħħu dan kollu, aħna s-saċerdoti ħsibna biex nagħqdu l-isforzi tagħna u nnaqqsu quddiesa minn ta' filgħodu, biex mill-1 ta' Jannar 2026, il-quddies mit-Tnejn sas-Sibt ikun f'dawn il-ħinijiet:



Fil-**5.30am**; fis-**6.30am**; fis-**7.00am** fil-kappella tas-Sorijiet Franġiskani; fis-**7.30am**; fid-**9.00am**; fil-**11.00am** fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, fil-**5.00pm** u fis-**6.30pm**.

Il-Quddies tal-Ħadd se jibqa' l-istess. Imma peress li qed ikollna rikjesta għolja ta' intenzjonijiet ta' talb għall-erwieħ tal-għeżież tagħna, flimkien ma' diversi parroċċi oħra f'Għawdex se noffru l-possibilità li niġbru diversi intenzjonijiet flimkien f'Quddiesa waħda. Dan iżda, fil-parroċċa tagħna, se nagħmluh biss fil-quddiesa tal-Ħadd tat-8.30am u l-flus li jinġabru minn dawn l-intenzjonijiet ser ikun destinat għall-karità.

L-intenzjonijiet jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali. Għalhekk minn nhar l-Erbgħa 10 ta' Diċembru tistgħu tiġu **tibbukkjaw l-intenzjonijiet tagħkom għall-quddies minn Jannar sa Ġunju 2026.**

**Xi voluntiera ta' Hospice Malta** matul dan il-weekend fil-parroċċa tagħna se jilqgħu d-donazzjonijiet tagħkom ħdejn il-bibien tal-knisja wara l-Quddies. Inħeġġukom tkunu ġenerużi u tgħinuhom ikomplu joffru tant servizzi neċessarji lill-pazjenti bil-kanċer, lil dawk b'kundizzjonijiet newroloġiċi bħall-ALS u oħrajn b'mard serju tal-qalb, tal-pulmun jew tal-kliewi fost kundizzjonijiet oħra.

**Irtir għall-gruppi ta' talb ta' Patri Piju** nhar it-Tnejn 8 ta' Diċembru mid-9.00 sa nofsinhar, fil-knisja tal-Kapuċċini.

**Nistednukom għall-Assemblea Parrokkjal**i mal-Isqof Anton Teuma, nhar il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru fis-6.00pm fil-knisja parrokkjali, fejn ser jaqsam magħna dak li ħareġ mill-Vista Pastorali li għamel is-sena l-oħra u jurina kif nistgħu nimxu 'l quddiem u nikbru bħala komunità Nisranija ta' vera. Kulħadd hu mistieden għal din il-laqgħa speċjali, partikularment l-għaqdiet u l-gruppi parrokkjali. Dakinhar il-quddiesa tas-6.30pm ma ssirx.

**L-adolexxenti u ż-żgħażagħ taċ-Ċentru se jżuru lill-morda u l-anzjani** li jitqarbnu fi djarhom mis-saċerdoti tagħna nhar is-Sibt 20 ta' Diċembru bejn id-9.30am u l-11.30am. Bħalma sar kull sena, dan se jkun mument sabiħ u ta' faraġ kbir li fih jawguraw il-Milied it-Tajjeb lil xulxin fi spirtu ferrieħi.

**Is-siġra tal-karità** bħal fis-snin l-imgħoddija se tiġi armata fil-knisja għaż-żmien tal-Milied. Din is-sena se ngħinu lill-Caritas tal-parroċċa u dak djoċesan, l-Arka Respite Centre, id-Dar tal-Providenza u Saint Patrick's Residential Care. Inħeġġukom tipparteċipaw u ġġibu l-oġġetti li jkunu miktubin fuq il-karti tas-siġra biex ngħinu lil min hu fil-bżonn.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am